Minuti tal-Laqgħa Nru. 60 tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 28 ta' Marzu 2012 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura. Lucia Massa |
| Assenti | Dr. Frank Psaila<br>Is-Sur. Joe Piscopo |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Proġett Family Park, Ħal Farruġ
3. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti inqraw u ġew approvati.

1.2 Fuq paragrafu 2.5, is-Sindku wissa lis-Segretarju biex minn żmien għal żmien jiċċekkja fuq il-konsum tal-fuel għal vann tal-Kunsill biex ma jkunx hemm abbuż.

1.3 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk inħarġux it-tenders tas-servizzi tal-Kunsill. Is-Segretarju irrisponda li dawn huma appena li jinħarġu.

## 2.0 PROĠETT FAMILY PARK, ĦAL FARRUĠ

2.1 Is-Sindku ressaq il-pjanti bil-proposti ta dawk li applikaw għal proġett quddiem il-Kunsill. Huwa qal li kien imlaqqa Bord apposta biex jevalwa dan il-proġett. Dan il-Bord kien iffurmat mis-Sindku, Viċi Sindku, l-Kunsillier Caruana u c-chairperson tal-Kumitat Amministrattiv is-Sur. Raymond Saliba. Peress li s-Sur. Silvio Schembri huwa manager tal-GAL Xlokk huwa attenda waqt l-evalwazzjoni tal-Bord sabiex jara li kollox isir skont kif inhu stipulat, pero huwa ma kellux x' jaqsam mal-għażla tal-Kunsill.

2.2 Is-Sindku semma li b kollox kien hemm tlett proposti eliġibli għal dan il-proġett imma waħda biss kienet short listed sabiex it-tender jinħareġ fuq din il-proposta. Is-Sindku semma li din il-proposta anki kellha elevations li jagħti indikazzjoni aktar ċara ta kif se jkunu jidhru l-bandli fuq il-post. Barra minn dan huwa qal ukoll li kien hemm bandli proposti li se jkunu mixgħula bl-LED u anki oħrajn bil-logos tal-Kunsill printed.

2.3 Is-Sindku qal ukoll li din il-proposta kellha ċ-ċertifikazzjonijiet kollha meħtieġa fuq il-bandli li se jintużaw. Wara dan is-Segretarju ressaq rapport tal-proposti li kien hemm dakinhar, liema rapport kien iffirmat minn dawk il-Kunsilliera li attendew waqt il-Bord.

2.4 Il-Kunsilliera preżenti waqt il-laqgħa qablu mar-rakkomandazzjoni tal-Bord b' vot unanimu.

2.4 Il-Kunsillier Camilleri semma li dik il-persuna li tintgħażel mit-tenders għandha tqis li l-proġett jitlesta fiż-żmien stipulat.

Is-Sindku semma li fuq il-workshop tal-Greċja se jkunu preżenti l-Viċi Sindku, l-Kunsilliera Massa u s-Segretarju Eżekuttiv. Huwa qal ukoll li jonqos workshop ieħor fir-Rumanija li l-parteċipanti għad irid jintgħażlu aktar il-quddiem.

## 3.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

3.1 Il-Kunsillier Caruana qal lis-Segretarju sabiex is-schedule of payments għandha tasal lill-Kunsilliera aktar kmieni. Huwa talab ukoll lis-Segretarju sabiex anki jagħti rendikont fuq l-iskeda tal-petty cash.

3.2 Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet sabiex jiġu approvati l-Financial Statements. Il-Kunsill approva il-Financial Statements ippreżentati.

Il-laqgħa giet fi tmiemha l-Erbgħa 28 ta' Marzu 2012, fis-7.00 p.m. Ma kienx hemm ġurnata proposta għal laqgħa tax-xahar ta wara.

Konfermati llum ________________________ 2012.

______________________ ____________________

John Schembri
Sindku

Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv